Co-funded by the European Union

# youthIES

# TRAINING PACK FOR YOUTH WORKERS - CASE STUDIES



**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ – STUDJI TA' KAŻIJIET**

**IX-XOGĦOL TA' PERSUNI LI JAĦDMU MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**WERREJ**


**L-1 STUDJU TA' KAŻ – *"Qum Bilwieqfa! Il-Vuċi taż-Żgħażagħ Tidwi b'Saħħitha fil-Grand Rex"*** ....2

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA ....2

ATTIVITAJIET ....2

IMPATT ....2

RITRATTI ....3

**IT-2 STUDJU TA' KAŻ – *L-Intraprenditorija Żagħżugħa bħala Katalist għall-Bidla – Il-podcast "Entrepreneurité"*** ....4

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA ....4

ATTIVITAJIET ....4

IMPATT ....4

RITRATTI ....5

**IT-3 STUDJU TA' KAŻ – *It-Trawwim tal-Benesseri tal-Komunità – Jeunesse au Soleil's Urban Gardens*** ....5

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA ....5

ATTIVITAJIET ....6

IMPATT ....6

RITRATTI ....6

**REFERENZI** ....8

**L-1 STUDJU TA' KAŻ –** ***"Qum Bilwieqfa! Il-Vuċi taż-Żgħażagħ Tidwi b'Saħħitha fil-Grand Rex"***

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA

Fit-tieni avveniment maġġur pubbliku tagħħha, "Qum Bilwieqfa! Post għal Kull Żagħżugħ", Apprentis d'Auteuil ġabret 1,600 persuna fis-sit ikoniku ta' Grand Rex f'Pariġi. Is-serata kienet intenzjonata li tkun ferriħija, festiva, emozzjonali, u serja, fejn iż-żgħażagħ appoġġjati mill-fondazzjoni setgħu jaqsmu xrar mill-ħajjiet ta' kuljum, sfidi, u ħolm tagħhom. L-avveniment serva ta' talba għal aktar inklussività u ġenerożità, u enfasizza l-ambizzjoni li kull żagħżugħ u żagħżugħa jissaħħu sabiex iqumu fuq saqajhom waħidhom, li jkollhom rwol fis-soċjetà, u li jikkontrobwixxu għal bidla pożittiva.

ATTIVITAJIET

L-avveniment, li sar fit-30 ta' Novembru 2023, kellu udjenza diversa, inkluż individwi li huma sensittivi għall-isfidi affaċċjati miż-żgħażagħ, professjonisti fil-ħidma soċjali, ħbieb tal-fondazzjoni, donaturi, uffiċjali, alumni, impjegati, u, fuq kollox, żgħażagħ u l-familji tagħhom. Bit-titlu "Qum Bilwieqfa", is-serata ħadet ispirazzjoni mill-proġett edukazzjonali tal-fondazzjoni. Matul is-serata, il-parteċipanti semgħu stejjer ta' żgħażagħ—id-diffikultajiet, il-ħolm, u l-isfidi tagħhom. It-talba kienet ċara: biex kulħadd jimxi 'l quddiem, kulħadd għandu jipparteċipa b'mod attiv f'soċjetà fejn kull persuna żagħżugħa għandha post.
L-istejjer maqsuma miż-żgħażagħ, inkluż dwar il-ħolm, l-isfidi, u l-kisbiet tagħhom, wisq probabbli servew t'ispirazzjoni għal azzjoni pożittiva. L-avveniment mmotiva lil dawk li attendew biex attivament jikkontribwixxu biex joħolqu soċjetà fejn kull persuna żagħżugħa jkollha postha, u b'hekk tissaħħaħ il-missjoni tal-fondazzjoni.

IMPATT

L-avveniment, li kellu attendanza ta' 1,600 persuna, wera r-reżiljenza, it-tamiet, u t-talbiet taż-żgħażagħ assoċjati mal-Apprentis d'Auteuil. Dan inkluda wkoll testimonjanzi minn individwi varji u intervenzjonijiet minn figuri notevoli, bl-għan li jimmobilizzaw u jitkellmu favur soċjetà fejn kull żagħżugħ isib il-post xieraq tiegħu. Din is-serata kienet dimostrazzjoni b'saħħitha fuq l-impatt u l-importanza tat-tisħiħ taż-żgħażagħ sabiex dawn iqumu fuq saqajhom sabiex jinstemgħu.

RITRATTI



**IT-2 STUDJU TA' KAŻ –** ***L-Intraprenditorija Żagħżugħa bħala Katalist għall-Bidla – Il-podcast "Entrepreneurité"***

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA

Iż-żieda fix-xewqa fost iż-żgħażagħ biex jidħlu fid-dinja tal-intraprenditorija tqajjem mistoqsijiet dwar fatturi li jinfluwenzaw l-għażliet tagħhom u l-mekkaniżmi t'appoġġ tagħhom. Il-podcast "Entrepreneurité" jesplora l-isfidi affaċjati minn intraprendituri żgħar, inkluż tħassib finanzjarju, nuqqas t'esperjenza, u l-perċezzjoni tan-nuqqas ta' sikurezza f'impjieg tradizzjonali. Huwa jesplora l-motivazzjonijiet li jwasslu lil żgħażagħ għall-intraprenditorija, b'fok fuq l-aspirazzjonijiet tagħhom biex "ibidlu d-dinja".

ATTIVITAJIET

Fil-podcast, intraprendituri żgħażagħ jaqsmu l-vjaġġ tagħhom biex jegħlbu l-isfidi fl-intranprenditorija. Huma jenfasizzaw l-importanza ta' esperjenzi komuni u l-appoġġ ta' intraprendituri żgħażagħ bħalhom biex jinnavigaw il-pajsaġġ intraprenditorjali, jiddiskutu inizjattvi bħall-Young University Enteprise (J.E.U) u n-National Status "Student-Entrepreneur" (SNEE), li toffri vantaġġi fiskali u hija maħluqa apposta biex toffri sapport lil intraprendituri studenti.

Il-podcast jintroduċi wkoll inizjattivi nazzjonali bħal "*1 young, 1 solution*", li huma mmirati biex inaqqsu l-qgħad fost iż-żgħażagħ billi joffru għażliet varji t'appoġġ, inkluż intraprenditorija. Dan il-podcast joffri wkoll il-profili ta' "*Pacte Création France Active*", li jipprovdu gwida personalizzata u spinta finanzjarja għall-intraprendituri taħt it-30 sena, kif ukoll programmi bħal *IMPACT*, li huwa ddisinjat biex jappoġġja proġetti b'missjoni soċjali. Barra minn hekk, il-podcast jagħti spazju wkoll għal premjijiet bħal *MoovJee Prize* u l-Premju Pépite, li jirrikonoxxu u jappoġġjaw finanzjarjament lil intranprendituri żgħażagħ.

IMPATT

Il-podcat "Entrepreneurité" jipprovdi għarfien fuq il-pajsaġġ dinamiku tal-intraprenditorija żagħżugħa, jitfa' dawl fuq l-isfidi, attivitajiet, u inizjattivi li jħallu impatt u li jfasslu l-vjaġġi intraprenditorjali tal-ġenerazzjoni żagħżugħa. Dawn l-inizjattivi mhux biss irawwmu tkabbir personali iżda wkoll jikkontribwixxu kwalitittivament għall-iżvilupp tal-komunità, jindirizzaw kwsitjonijiet soċjali, u jippromwovu prattiċi sostenibbli.

RITRATTI




**IT-3 STUDJU TA' KAŻ –** ***It-Trawwim tal-Benesseri tal-Komunità – Jeunesse au Soleil's Urban Gardens***

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA

Jeunesse au Soleil tindirizza nuqqas ta' sikurezza tal-ikel f'żoni urbani u tippromwovi l-benesseri tal-komunità permezz tal-proġetti ta' ġonna urbani tagħha. Fir-rikonoxximent tagħha għall-bżonn ta' soluzzjonijiet sostenibbli biex jappoġġjaw popolazzjonijiet vulnerabbli, l-organizzazzjoni varat ġodda urbani fl-2014, bit-tir li tipprovdi ħxejjex friski lil dawk fil-bżonn.

L-inizjattiva tfittex ukoll li tinvolvi membri tal-komunità, li trawwem sens ta' sjieda, kif ukoll kollaborazzjoni ma' sħab lokali.

ATTIVITAJIET

Fl-2021, Jeunesse au Soeil beda jħaddem ġonna urbani fil-faċilità tiegħu f'Saint-Laurent u viċin il-kampus tal-MIL tal-Università ta' Montreal. Il-kumpanija tas-servizzi finanzjarji Foresters ikkontribwixxiet fondi għall-installazzjoni tal-ġonna, manutenzjoni, u pprovdiet materjali bħal fertilizzanti u pjanti. Il-membri ta' Foresters ipparteċipaw b'mod attiv fl-avvenimenti ta' ftuħ u ta' tħawwil.

Voluntiera, inkluż membri tal-Foresters, ipparteċipaw b'mod attivi fil-proċess ta' kultivazzjoni, u enfassizaw sens ta' komunità u responsabbiltà komuni. Approssivament 900 kilo ta' ħxejjex huma maħsuda kull sena u mqassma lill-klijenti tal-bank tal-ikel ta' Jeunesse au Soleil sabiex tiġi indirizzita n-nuqqas ta' sikurezza tal-ikel lokali.

**Commented [JF1]:** In the original, this was 2,000 pounds. However, in Maltese the translation for pounds would be 'libbra', which is a direct borrowing from Italian and with next-to-zero familiarity amongst Maltese speakers. As such, I opted to convert pounds to kilos (2,000 = 907 kilos) to make it read more seamlessly.

IMPATT

Il-ġonna urbani jikkontribwixxu għall-benesseri tal-komunità billi jipprovdu ħaxix frisk u mkabbar lokalment lil dawk li jaffaċċjaw nuqqas ta' sikurezza tal-ikel. Din l-inizjattiva trawwem l-involviment u l-kollaborazzjoni tal-komunità bejn Jeunesse au Soleil, voluntiera, u sħab bħal Foresters, u toħloq impenn komuni biex jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjali. Il-kultivazzjoni u d-distribuzzjoni annwali tal-ħxejjex tiżgura impatt sostnut fuq is-sikurezza tal-ikel u tippromwovi modijiet ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa fil-komunità. L-inizjattiva ta' ġonna urbana ta' Jeunesse au Soleil, li hija appoġġjata minn Foresters, teżemplifika mudell ta' suċċess ta' kif wieħed jindirizza bżonnijiet immedjati u għal perjodu fit-tul tal-benesseri tal-komunità.

RITRATTI

Co-funded by the European Union



REFERENZI

*"Stand Up! The Voice of Youth Echoes Loud at the Grand Rex"*
Plaidoyer. (12 décembre 2023). "Stand Up! La Voix des Jeunes Résonne Fort au Grand Rex." Apprentis d'Auteuil. https://www.apprentis-auteuil.org/actualites/plaidoyer/stand-la-voix-des-jeunes-resonne-fort-au-grand-rex

*Cultivating Community Well-being – Jeunesse au Soleil's Urban Gardens*
Carenews INFO. (29 septembre 2022). "Entrepreneuriat : l'entrepreneuriat des jeunes, un levier pour changer le monde?" https://www.carenews.com/carenews-info/news/entrepreneurite-l-entrepreneuriat-des-jeunes-un-levier-pour-changer-le-monde - Lisa Domergue (Mis à jour le 13 octobre 2022).

*Cultivating Community Well-being – Jeunesse au Soleil's Urban Gardens*
Sun Youth. (7 juin 2021). "Ouverture du Jardin Communautaire!" https://sunyouth.org/fr/ouverture-du-jardin-communautaire/

Co-funded by the European Union

**Sħab:**

DIKJARAZZJONI TA' RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]